QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

MAĠISTRAT

DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 292/2019 RM**

**Emanuel Delia (560176M)**

**-Vs-**

**Jason Micallef bħala Executive Chairman, Ruth Vella bħala Broadcasting Executive Group Head u Owen Galea bħala Head of News & Current Affairs ta' One Productions Ltd (C-12946)**

**Illum 15 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Emanuel Delia fir-Reġistru tal-Qorti fejn, prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti in solidum jew min minnhom huma responsabbli għall-pubblikazzjoni fuq is-sit www.one.com.mt ta' malafama u libell fil-konfront tiegħu permezz ta' post ahbar (Screenshot annessa Dok A) li apparti li kien inveritier kif jigi muri waqt is-smiegh, kien malfamanti u libelluz u intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-istess rikorrenti u dan apparti li jpoggih fil-periklu kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawzam talab li jiġu kkundannati jhallsuh in solidum jew min

minnhom dik is-somma li tigi likwidata ai termini tal-Kap 579 u dan b'rizerva ghal kull danni ulterjuri li jistghu jigu subiti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, liema ntimati huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti kollha ppreżentat fit-8 ta' Jannar 2020 fejn ġie eċċepit:-

1. *Preliminarjament l-eccepjenti mhumiex il-legittimi kontraditturi fl-azzjoni attrici u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.*

2. *F' kull kaz u minghajr pregudizzju, l-attur ghandu jispjega u jipprova kemm il- ''malafama u libell'' li jallega li sofra, kif ukoll ir-responsabbilita', skond il-ligi, li jallega fil-konfront ta' kull wiehed mill-eccepjenti.*

3. *Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-pubblikazzjoni ndikata mill-attur mhijiex libelluza fit-termini tal-ligi.*

4. *Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-pubblikazzjoni li jirreferi ghaliha l-attur, tikkonsisti f'rapurtagg dwar avveniment pubbliku u materja ta' nteress pubbliku, waqt li kwalunkwe kumment li sar kien jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni u apprezzament, jew value judgement, u jikkostitwixxi fair comment fuq l-istess materja ta' nteress pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibli kemm taht l-Att dwar il-Midja u Malafama, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' April 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur f'din l-azzjoni qiegħed jimpunja bħala libelluża l-pubblikazzjoni li dehret fuq l-*online news portal* ta' One News, www.one.com.mt, intestata '*L-atleti ta' Special Olympics mgħajjra waqt il-protesti f'Jum ir-Repubblika*', liema pubblikazzjoni tidher fid-dokument anness mar-Rikors promotur (Dok. A[1]).

Kif sewwa ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuti waqt it-trattazzjoni, id-dokument li fih jidher l-artikolu impunjat m'huwiex kopja awtentikata tal-pubblikazzjoni u lanqas kopja stampata tal-artikolu, iżda jikkonsisti fi screen-shot li fih lanqas tidher fih id-data tal-pubblikazzjoni. Il-Qorti madankollu tosserva illi l-konvenuti pproduċew huma stess kopja diġitali tal-pubblikzzjoni impunjata u dan permezz tal-usb drive esebit fis-6 ta' Marzu 2023, li minnu jirrizulta li l-artikolu ġiet pubblikata fuq l-*online news portal* www.one.com.mt fis-16 ta' Diċembru 2019.

Għandu jingħad illi l-attur qed jimpunja espressament u unikament il-pubblikazzjoni tal-artikolu fuq l-*online news portal* www.one.com.mt u mhux ukoll il-pubblikazzjoni korrispondenti li ġiet imxandra fuq pjattaformi oħrajn ta' One News. Dan qed jingħad għaliex il-konvenut Owen Galea xehed[2] u mill-filmat fuq il-USB drive esebit fis-6 ta' Marzu 2023 jirriżulta, illi l-istess pubblikazzjoni li dehret fuq www.one.com.mt fis-16 ta' Diċembru 2019 ġiet imxandra wkoll fuq l-aħbarijiet televiżivi ta' One TV

[1] Paġna 2 tal-atti tal-kawża.
[2] Xhieda ta' Owen Galea tas-27 ta' Ġunju 2022, paġna 83 tal-atti tal-kawża.

akkumpanjat minn filmat li fih immaġini li jidhru wkoll fil-pubblikazzjoni *on-line* impunjata mill-attur.

Ikkunsidrat;

L-attur xehed illi matul Novembru u Diċembru 2019 u fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, l-NGO 'Repubblika', li dak iż-żmien kien membru tal-kumitat tagħha, kif ukoll il-website manueldelia.com amministrata minnu, fost gruppi oħrajn, kienu organizzaw diversi protesti fejn kienu qed isejħu għar-riżenja immedjata tal-Prim'Ministru ta' dak iż-żmien Joseph Muscat u ta' persuni oħrajn fil-Gvern minħabba revelazzjonijiet li kien hemm fid-demanju pubbliku dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Xehed illi d-dimostranti esprimew ruħhom b'leħinhom, bl-għajjat għar-riżenja u bil-kartelluni bil-messaġġ tagħhom.

Huwa spjega li ħassu aggravat bil-pubblikazzjoni li dehret fuq www.one.com.mt għaliex:-

"*it-titlu f'dik l-istorja ddejjaqni għax jiddemonizzani, jagħmilni persuna li ... għax jara persuna b'diżabilita' jaqbad jgħajjarhom ... Tirrappreżentani ħażin ma' min qed jaqra dak ir-rapport u allura meta jarani, jarani dimonju għax trid tkun dimonju biex tagħmel dak li akkużani fir-rapport.*"

Xehed ukoll li l-pubblikazzjoni tagħmel referenza għalih u: *"... hi gidba manifesta u hija gidba intenzjonata biex tiskredita lili għaliex jiena identifikat u identifikabbli bħala wieħed mil-leaders tal-protesta.*

...

*Ma tteħidx ir-ritratt kumbinazzjoni tal-folla li b'xi mod jew ieħor jevidenzja jew jissostanzja l-allegazzjoni li qed issir illi l-atleti ta' Special Olympics ġew mgħajra waqt il-protesti. Minflok ittieħed ritratt tiegħi u tqiegħed taħt dan it-titlu. ... meta ħarġet din l-istorja wara jien ninsab mgħajjar fit-triq li nobgħod lill-persuni b'diżabbilita' minn daqs dawn nies.*"

Il-konvenuti jeċċepixxu, b'mod preliminari, illi m'humiex leġittimi kontraditturi tat-talba tal-attur u għadhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att'), fl-Artikolu 3(3), jistipola illi l-azzjoni għal malafama tista' tittiehed biss fil-konfront tal-awtur tal-istqarrija diffamatorja, l-editur jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu faċilment identifikati, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Mix-xhieda jirriżulta li l-konvenut Owen Galea kien il-kap tal-aħbarijet ta' One News u l-editur ta' One News[3]. Huwa stess jistqarr fix-xhieda tiegħu illi r-rwol tiegħu bħala kap tal-aħbarijiet kien wieħed ġeneriku mingħajr indikazzjoni speċifika jekk huwiex jestendix għal pubblikazzjonijiet televiżivi biss jew ukoll fuq l-*online news portal* ta' One News. Ikkonferma wkoll illi l-*online news portal* ta' One News ma kellux u għad m'għandux editur u lanqas persuna ad hoc responsabbli għall-portal. Xehed ukoll li bħala Head of News kellu involviment biss fl-aħbarijiet televiżivi imxandrin fuq One News u mhux ukoll l-*online news portal* ta' One News. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti min kien l-awtur tal-artikolu impunjat u min tella' r-ritratt, Owen Galea ma ftakarx min seta' kien il-persuna li tella' l-artikolu li deher fuq l-online u min iddeċieda li jtella' wkoll ir-ritratt flimkien mal-artikolu u ma jafx lanqas min kien l-awtur tal-artikolu għaliex il-ġornalisti kienu jaħdmu fuq coverage u fuq il-portal by rotation.

Il-Qorti rat is-servizz korrispondenti imxandar fl-aħbarijiet fuq One News TV (usb drive esebit fis-6 ta' Marzu 2023) u tosserva illi l-artikolu pubblikat fuq l-*online news portal*, impunjat f'din il-kawża, huwa identiku għas-servizz televiżiv fil-kontenut tiegħu u tosserva wkoll li t-titolu tal-pubblikazzjoni elettronika fih l-istess kliem preċiż tal-*caption* li jidher fil-filmat tas-servizz telviżiv. Madanakollu, bid-differenza illi filwaqt li l-artikolu elettroniku jagħti prominenza lill-attur fir-ritratt imdaqqas li jidher immedjatament taħt it-titolu tal-artikolu, is-servizz televiżiv huwa akkumpanjat

[3] Ara xhieda tas-27 ta' Ġunju 2022, paġan 85 tal-atti tal-kawża.

minn filmat u mhux minn ritratt, għalkemm huwa evidenti li r-ritratt li fih jidher l-attur huwa meħud sewwasew mill-filmat imxandar fuq www.one.com.mt.

Huwa minnu illi ma jirriżultax li kien il-konvenut Owen Galea li kiteb il-kliem tal-artikolu elettroniku jew li kien hu li għażel l-i*still* mill-filmat imxandar fuq One News TV biex jintuża bħala r-ritratt li jakkumpanja l-artikolu ppubblikat fuq www.one.com.mt. Iżda meta l-konvenut *ex admissis* kien kap tal-aħbarijiet (Head of News) ta' One News b'mod ġenerali u editur tal-aħbarijiet fuq One TV, u stqarr ukoll li s-servizzi tal-aħbarijiet imxandrin fuq One TV jittellgħu wkoll fuq il-*online news portal* filwaqt li eskluda li kien hemm xi persuna oħra b'responsabbilita' speċifika għall-*online news portal*, il-Qorti ma tistax ma tkunx sodisfatta li huwa kellu responsabbilita' finali jew talanqas kontroll editorjali għad-deċiżjonijiet dwar materji konċernanti l-kontenut tal-aħbarijiet ippubblikat fuq www.one.com.mt.

L-Artikolu 2 tal-Att jinkludi fid-definizzjoni tal-editur "... *kull persuna li tkun responsabbli għall-kontroll editorjali jew tal-kontenut ta' xi midja*."

Il-fatt li għall-*online news portal* ta' One News ma kienx hemm editur jew persuna oħra b'responsabbilita' *ad hoc*, ma jfissirx li ma kien hemm ħadd li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat fuq www.one.com.mt kellu kontroll fuq il-kontenut li jiġi pubblikat fuq l-imsemmi *online news portal* għall-fini tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta[4]). Din il-persuna, fil-fehma tal-Qorti, ma kien ħadd ħlief il-konvenut Owen Galea li bħala l-kap tal-aħbarijiet kollha ta' One TV, indubbjament kellu s-setgħa jiddeċiedi dwar kull aspett tal-kontenut tas-servizzi tal-aħbarijiet kollha pubblikati fuq One News, ċioe' mhux biss is-servizzi tal-aħbarijiet imxandrin fuq One TV iżda wkoll, in mankanza ta' persuna oħra mogħnija bir-rwol analogu, l-aħbarijiet korrispondenti ippubblikati fuq il-portal elettroniku tal-istess One News, www.one.com.mt. Fil-fatt, kif ġia' ġie osservat, il-pubblikazzjoni elettronika, talanqas fil-każ tal-artikolu impunjat, hija identika fil-kontenut għas-servizz imxandar fuq One TV.

---

[4] Hawn iktar 'l isfel imsejjaħ "l-Att".

Għall-Qorti, hi ħaġa minn ewl id-dinja li l-kap u l-editur tal-aħbarijiet huwa mogħni bis-setgħa japprova, iħassar, jimmodera jew jimpedixxi l-pubblikazzjoni ta' aħbarijiet fuq il-pjattaformi kollha li fuqhom jiġu pubblikati l-aħbarijiet li huwa responsabbli għall-kontenut tagħhom u fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, imkien ma ġie eskluż mil-provi li l-konvenut Owen Galea ma kellux din is-setgħa bħala kap tal-aħbarijiet ta' One News.

Collins, in propositu, jgħid hekk:-

"*A person is an editor of a statement for the purposes of section 10 of the 2013 Act*[5] *if he or she has editorial or equivalent responsibility' for either the content of the statement, or the decision of publish it.*"[6]

Fil-fatt, l-artikolu 2 tal-Att jiddefinixxi 'editur' bħala:-

"*meta jkun hemm persuna hekk reġistrata tfisser il-persuna reġistrata bħala editur skont l-artikolu 19, u, meta ma jkun hemm ebda persuna reġistrata skont l-artikolu 19,* ***tinkludi kull persuna li tkun responsabbli għall-kontroll editorjali jew tal-kontenut ta' xi midja****"* (emfasi tal-Qorti)

Filwaqt li fil-kummenti tieghu dwar l-Art. 10 tad-Defamation Act, 2013, Matthew Collins jghid hekk: "*Editorial responsibility, presumably, means .... a moderator of online content posted by others*."[7]

Filwaqt li huwa minnu li fix-xhieda tiegħu Owen Galea eskluda li kien hu l-persuna li fiżikament ippubblika l-artikolu fuq www.one.com.mt jew il-persuna li għażlet ir-ritratt biex jakkumpanja l-artikolu impunjat, il-Qorti hi sodisfatta li l-artikolu u r-ritratt

[5] Ekwivalenti għall-artikolu 3(3) tal-Kap. 579.
[6] **Collins On Defamation** (2014 Ed.), 2.34, p. 32.
[7] Collins on Defamation [2014], 2.34, p. 32.

li ntgħażel bie jakkumpanjah kien soġġett għall-kontroll editorjali tal-kap tal-aħbarijiet u l-editur ta' One News li, naturalment, huwa l-persuna li għandha, neċeesarjament, il-kontroll prattiku u effettiv fuq il-kontenut ta' dak li jigi ppubblikat fuq is-sit elettroniku ta' One News. Il-korollarju ta' dan hu li li l-artikolu bir-ritratt ewlieni tiegħu, ġie pubblikat bl-approvazzjoni jew talanqas, fin-nuqqas ta' oġġezzjoni tal-kap tal-aħbarijiet u l-editur ta' One News, ċioe' l-konvenut Owen Galea.

Għaldaqstant, il-konvenut Owen Galea ġie mħarrek tajjeb għaliex huwa ppruvat sodisfaċjentement li kien l-editur tal-aħbarijiet ippubblikati fuq www.one.com.mt fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata.

Fir-rigward tal-konvenuti l-oħrajn, eskluż mix-xhieda ta' Jason Micallef li kellu kontroll editorjali jew kontroll fuq il-kontenut li jixxandar fuq l-aħbarijiet ta' One News u din ix-xhieda ma ġietx kontestata jew kuntrastata b'xi mod mill-attur. Kif rajna, din il-mansjoni kienet taqa' fil-parametri tal-kariga ta' Owen Galea bħala kap tal-aħbarijiet u editur ta' One News. L-istess ix-xhieda tal-konvenuta Ruth Micallef (ġja' Vella), li kkonfermat illi bħala Head of Broadcasting tieħu ħsieb biss materji dwar loġistika u skedar tal-produzzjonijiet televiżivi, fosthom li tassigura li jkun hemm disponibbli fil-ħinijiet tal-produzzjonijiet, it-tekniċi u riżorsi umani neċessarji iżda m'għandha ebda involviment fil-kontenut li jixxandar. Huwa wkoll eskluż li Jason Micallef, Chairman Eżekuttiv ta' One Productions, u jew Ruth Vella, kienu l-awturi li kitbu l-artikolu impunjat.

In kwantu għall-persuna 'responsabbli għall-pubblikazzjoni' għall-fini tal-Artikolu 3(3) tal-Att, jingħad li din għandha tifsira differenti minn pubblikatur b'mod ġenerali għaliex hija definita fl-artikolu 2 tal-Att bħala "*persuna li tkun sid jew tikkontrolla impriża li tippubblika midja miktuba*" ċioe' pubblikatur kummerċjali : "*that is, a person whose business is issuing material to the public, who issues material containing the statement in the course of that business. Proprietors of newspapers,*

*book and magazine publishing houses, owners of television and radio stations and owners of websites, will thus all normally be publishers in the requsite sense*"[8].

In kwantu għall-konvenut Jason Micallef, filwaqt li l-Qorti ma riskontrat l-ebda prova jew xhieda fl-atti proċesswali li turi li l-kumpannija One Productions Limited hija tassew is-sid tal-intrapriża www.one.com.mt, għandu jingħad ukoll li fi kwalsiasi każ ma nġabitx prova li bħala Executive Chairman huwa mogħni, waħdu jew flimkien ma' persuni oħrajn, bir-rappreżentanza ġuridika u legali tal-kumpannija One Productions Limited. Huwa eskluż li l-konvenuta Ruth Vella, fir-rwol tagħha ta' Head of Broadcasting, tista' tiġi kkunsidrata bħala s-sid tal-intrapriża.

Fi kwalsiasi każ, billi ġie identifikat bħala l-editur tal-pubblikazzjoni l-konvenut Owen Galea, mhux meħtieġ li jiġi identifikat ukoll ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni għaliex skont l-Artikolu 3(3) tal-Att, huwa biss f'każ li l-editur jew l-awtur ma jkunux jistgħu jiġu faċilment identifikati li l-azzjoni tista' tinġieb b'suċċess fil-konfront tar-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Għaldaqstant, billi huwa eskluż illi l-konvenuti Jason Micallef bħala Chairman Ezekuttiv ta' One Productions Limited u Ruth Vella bħala Head of Broadcasting tal-istess kumpannija huma l-awturi, l-edituri jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni impunjata, l-azzjoni għal malafama ma setgħetx tittieħed fil-konfront tagħhom. Dan ifisser li dawn iż-żewġ konvenuti ġew imħarrkin ħażin u illi, per konsegwenza, l-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti hija f'lokha in kwantu għall-konvenuti Jason Micallef u Ruth Vella. B'hekk serjin jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju peress li mhux leġittimi kontradittturi tat-talba tal-attur f'din l-azzjoni għal malafama.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi filwaqt li huwa minnu li l-artikolu fih innifsu ma jagħmel ebda referenza għall-attur u ma jsemmihx b'ismu, l-attur huwa identifikabbli

[8] Collins on Defamation (2014 Ed.), 2.36, p. 33.

fil-pubblikazzjoni impunjata għaliex jidher b'mod manifest fir-ritratt li jifforma parti prominenti u integrali mill-istess pubblikazzjoni, liema ritratt jiffoka b'mod evidenti fuq l-attur. Effettivament, l-attur huwa l-unika persuna fir-ritratt li qiegħda tħares lejn il-camera filwaqt li l-persuni l-oħra li jidhru fir-ritratt, qegħdin kollha jħarsu f'direzzjoni oħra.

Il-korp tal-artikolu, imbagħad, jagħmel referenza espressa għall-protesti li kienu qed isiru fil-Belt Valletta f'Jum ir-Repubblika u għal "*dawk li kienu qed jipprotestaw*". Mhux kontestat u fl-atti hemm provi abbundanti li juru illi l-attur kien wieħed mill-organizzaturi tal-protesta li saret f'Jum ir-Repubblika, flimkien mal-għaqdiet non-governattivi 'Repubblika' u #Occupy Justice[9], fost oħrajn, u ħa sehem attiv f'din il-protesta.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-

"*A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant.*"[10]

Fid-deċiżjoni fil-każ ta' **MDA Marine Design Associates Ltd v. British Columbia Ferry Services Inc.**[11], intqal hekk minn Fenlon J:-

"*A plaintiff may be identified even though he is not mentioned by name, where a reference is made to something over which he exercises control or for which he has some responsibility.*"

[9] Ara Dok. OG3.
[10] Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins QC. 5.01, p. 105. Ġie ritenut ukoll:- *"A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to."*
[1111] 2008 BCSC 1432 (para. 20).

Kif xehed il-konvenut Owen Galea, dan ir-ritratt intgħażel minn *frame* partikolari tal-filmat li ġie imxandar fuq l-aħbarijiet ta' One TV u għalkemm ma jistax jiġi eskluż li dan ir-ritratt intgħażel għall-għarrieda u mhux bi skop speċifiku li jiġi individwat biss l-attur fost l-attivisti l-oħra kollha li kienu qed jipprotestaw dakinhar, huwa risaput u assodat fil-liġi tal-malafama illi l-intenzjoni tal-pubblikatur fil-kwistjoni jekk il-prominenza li ngħatat lill-attur fir-ritratt saritx deliberatament jew le, huwa immaterjali għaliex dak li huwa relevanti huwa jekk il-persuna aggravata hijiex suffiċjentement identifikata fil-pubblikazzjoni.

Fil-fatt, Collins jgħid illi: "... *it is irrelevant that the publisher did not intend to identify the claimant.*"[12]

Iżid jgħid illi f'fejn l-allegat identifikazzjoni ssir permezz ta' deskrizzjoni, ritratti jew filmati, jinkombi lill-persuna aggravata l-oneru li tistabbilixxi illi kien hemm persuni li effettivament identifikawha mir-ritratt jew filmat impunjati. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-attur ressaq ix-xhieda ta' Dr. Paul Borg Olivier[13] li ħa sehem fil-protesta tat-13 ta' Diċembru 2019 u li identifika pożittivament lill-attur Emanuel Delia fir-ritratt formanti parti mill-pubblikazzjoni impunjata.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan, il-Qorti trid tgħaddi biex tidentifika l-imputazzjoni jew l-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-pubblikazzjoni fl-assjem tagħha u biex tistabbilixxi jekk dawn humiex diffamatorji għall-attur Emanuel Delia.

Dak li hu relevanti fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni - inkluz naturalment waħda diffamatorja - fil-konfront tal-persuna aggravata, hu jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna ordinarja u

[12] Collins *ibid.* 5.23, p. 113.
[13] Xhieda tat-12 ta' Frar 2020.

raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaci tifhem dik il-pubblikazzjoni sħiħa, ċioe' t-titolu, il-kontenut kollu tal-artikolu kif ukoll il-filmati li jifformaw parti integrali mill-pubblikazzjoni, bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

L-imputazzjoni malafamanti trid tinftiehem mit-tifsira ordinarja tal-kliem, immaġini u fattizzi oħrajn tal-pubblikazzjoni:-

"*... the natural and ordinary meaning of the words is to be determined by taking into account the conext of the words used and the mode of publication. The meaning can include any inferential meanings, but can only be that which the words would convey to the mind of an ordinary, reasonable and fair-minded reader.*"[14]

Filwaqt li l-funzjoni essenzjali tat-titolu tal-pubblikazzjoni u l-importanza tat-tfassil u l-mod li bih il-materjal tal-pubblikazzjoni jiġi preżentat, huma indiskussi tant illi dawn il-fatturi għandhom jingħataw piż sostanzjali fid-determinazzjoni tal-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-pubblikazzjoni, f'dan l-eżerċizzju ta' stħarriġ ma għandu qatt jitwarrab il-kumplament tal-kontenut tal-artikolu jew il-kuntest tal-pubblikazzjoni. It-test huwa wieħed oġġettiv li jfisser li għandu jittieħed neċessarjament in konsiderazzjoni l-kuntest **kollu** tal-pubblikazzjoni biex jiġi stabbilit jekk il-pubblikazzjoni twassal imputazzjoni li hija diffamatorja.

Fid-decizjoni tal-High Court tal-Awstralja fil-kaz **John Fairfax Publications Pty Ltd v Rivkin**, Callinan J. qal hekk in propositu:

"*It is true that an article has to be read as a whole. But that does not mean that matters that have been emphasised should be treated as if they have only the same impact or significance as matters which are treated differently. A headline for example, treated pithily and necessarily incompletely, but designed to catch the eye*

[14] Ursula Cheer, tikkummenta fuq **Charleston v. News Group Newspapers Ltd**. ċitata f'*Landmark Cases in Defamation Law*, editjat minn David Rolph (2021 Ed.)

*and give the reader a predisposition about what follows, may well assume more importance than the latter… Layout may create its own impression … The order in which matters are dealt with can be significant. The capacity of the first paragraph of an article, the intro, to excite the reader's attention is a matter upon which editors place store.*"

Ukoll:-

"S*ensational headlines and images sometimes do intentionally invite and create a signifincant limited reader group within the wider target audience, however the single meaning rule is absolute and this means that the ordinary reader is taken to have read the whole of the publication and to have drawn a single meaning conveying one sense in which all readers would understand the words.*"[15]

Ir-ritratt li ġie pubblikat immedjatament taħt it-titolu tal-pubblikazzjoni ('L-atleti ta' Special Olypics mgħajjra waqt il-protest f'Jum ir-Repubblika'), juri wħud mill-attivisti li kienu qed jieħdu sehem fil-protest, b'emfasi partikolari u evidenti fuq l-attur li kif rajna, huwa l-unika persuna li qiegħda tħares lejn il-camera u li ġie ppruvat li kien wieħed mill-organizzaturi tad-dimostrazzjoni.

L-attur jaqbel illi r-ritratt huwa ġenwin u mhux immanipolat u jaqbel illi effettivament, f'xi waqt matul il-protesta, kien hemm vicin tiegħu l-Avukat Paul Borg Olivier li wkoll jidher fir-ritratt. Jilmenta iżda li meta r-ritratt jittieħed fil-kuntest tat-titolu tal-artikolu u l-kontenut tiegħu, il-pubblikazzjoni twassal l-imputazzjoni li huwa kien fost il-persuni li għajjar lill-atleti b'diżabilita', kif allegat fl-artikolu. Jikkontendi li dan iwassal imputazzjoni li huwa persuna li m'għandux rispett lejn persuni b'diżabbilita' tant li ma jaħsibhiex darbtejn biex jgħajjarhom.

Il-Qorti taqbel illi r-ritratt meħud waħdu u maqtugħ mill-bqija tal-pubblikazzjoni, ma jistax jitqies li jwassal xi imputazzjoni, wisq inqas xi imputazzjoni malafamanti

[15] **Charleston v. News Group Newspapers Ltd**, UKHL 6, (1995) 2 AC 65.

għaliex juri biss lill-attur waqt il-protesta organizzata minnu u minn organizzazzjonijiet non-governattivi oħrajn, f'Jum ir-Repubblika 2019. Kif ingħad diġa', it-tifsira diffamatorja trid titnissel minn qari sħiħ tal-pubblikazzjoni għaliex huwa assodat fil-ġurispridenza tal-liġi tal-malafama li l-qarrej ordinarju u raġjonevoli jitqies li jkun qara u rrejaġixxa għall-pubblikazzjoni fl-intier tagħha.

Madankollu, meta r-ritratt - li fih ma jispikka ħadd ħlief l-attur li huwa attivist ewlieni fil-moviment tas-soċjeta' ċivili u dak iż-żmien kien ukoll wieħed mill-membri fl-kumitat tal-organizzazzjoni non-governattiva Repubblika kif ukoll *ex admissis*, wieħed mill-organizzaturi tal-protesta f'Jum ir-Repubblika permezz tal-website manueldelia.com[16] - jitpoġġa fil-kuntest tat-titolu tal-artikolu u jiġi moqri wkoll il-kontenut tal-artikolu li jsegwi r-ritratt, ix-xenarju jinbidel radikalment. Dan qed jingħad għaliex it-titolu tal-artikolu bir-ritratt imdaqqas immedjatament taħtu, inevitabbilment iwassal lill-qarrej biex mad-daqqa t'għajn, **jassoċja l-attivisti li huma identifikabbli fir-ritratt, speċifikatament l-attur, mat-tgħajjir (kif imsemmi fil-headline) tal-atleti ta' Special Olympics matul il-protest f'Jum ir-Repubblika.** Hawnhekk irid jingħad illi t-titolu tal-pubblikazzjoni u r-ritratt li fih l-attur jingħata importanza, huma flimkien parti integrali u prominenti tad-diżinn ta' din il-pubblikazzjoni tant illi jokkupaw flimkien, terz mill-pubblikazzjoni sħiħa.

Fil-fatt, fl-analiżi tad-deċiżjoni storika fil-każ ta' Charleston[17], intqal li "... *if the damaging words appear in a headline, the curative effect of other words may be harder to establish ... Considering a publication as a whole does not mean every part is assumed to get equal consideration. Therefore, headlines and captions, which publishers insert conspicuously and deliberately to attract attention, can be legitimately be given more weight by the recipient.*"[18]

---

[16] Ara xhieda tal-attur, 12 ta' Frar 2020 u Dok. OG3.
[17] *Ibid.*
[18] *Ibid.* Ara wkoll **John Fairfax Publications Pty Ltd. v. Rivkin** (2003) HCA 50: "*The reasonable reader considers the context as well as the words alleged to be defamatory. If* [i]*n one part of* [the] *publication, something disreputable to the plaintiff is stated, but that is removed by the conclusion; the bane and antidote must be taken together.* ***But this does not mean that the reasonable reader does or must give equal weight to every part of the publication. The emphasis that the publisher supplies by inserting conspicuous headlines,***

Kif ingħad diġa', hija l-pubblikazzjoni fl-intier tagħha li trid titqies biex jiġi determinat jekk l-imputazzjoni twassalx tifsira diffamatorja u mhux sempliċement il-kliem tal-pubblikazzjoni waħdu jew ir-ritratt formanti parti mill-pubblikazzjoni, waħdu, maqtugħ mill-kuntest tal-kontenut kollu tal-artikolu, iżda jrid jittieħed qies tal-aspetti kollha tal-pubblikazzjoni fl-assjem tagħhom.

Iżda meta l-pubblikazzjoni tittieħed b'mod sħiħ, ċioe' r-ritratt, it-titolu **kif ukoll il-kliem tal-artikolu**, mhux talli ma ma jinbdel xejn, talli l-kontenut tal-artikolu jkompli jirrinforza l-implikazzjoni li l-attur kien fost "*uħud*" mid-dimostranti li kienu qegħdin jipprotestaw u li, skont it-titolu u l-korp tal-artikolu, għajjru u insulentaw lill-atleti ta' Special Olympics ("... *l-intimidazzjoni qed tinfirex lejn kull min jiġi quddiem għajnejn uħud mid-dimostranti*") waqt il-protesti. L-artikolu jirrapporta wkoll li l-attivisti li kienu qed jipprotestaw f'Jum ir-Repubblika għajru u insulentaw mhux biss il-Pulizija u l-membri tal-Forzi Armati iżda wkoll l-atleti ta' Special Olympics waqt li kienu deħlin fil-Palazz tal-President biex jirċievu l-medalja għall-qadi tar-Repubblika.

Il-Qorti ma riskontrat ebda kliem fil-korp tal-artikolu li jakkumpanja r-ritratt u t-titolu, li jinnewtralizza **l-inferenza ċara li titnissel mit-titolu u r-ritratt ta' taħtu**. Għall-kuntrarju, tqis illi l-kliem fl-artikolu, fejn jintqal li uħud mid-dimostranti għajjru u insultaw lill-atleti tal-Ispecial Olympics[19], iservi biex jissottolineja ulterjorment it-tifsira diffamatorja ġia' mnissla mit-titolu u r-ritratt ta' taħtu.

Fir-rigward tal-filmat, huwa minnu li dan ma jiffokax fuq l-attur, li jidher biss għal ftit sekondi fl-ewwel parti tal-filmat iżda l-Qorti ma tirravviża xejn fih li jista' jopera biex jinnewtralizza l-imputazzjoni li tinsilet mill-bqija tal-pubblikazzjoni, kif diġa' ġie kkunsidrat, jew li wassal lill-qarrej biex jeskludi li l-attur huwa wieħed mid-dimostranti li għajjar lill-atleti ta' Special Olympics f'Jum ir-Repubblika. L-effett tal-

***headings and captions is a legitimate matter that readers do and are entitled to take into accoun**t*". (emfasi ta' din il-Qorti).

[19] *"Fil-mira tal-protest vjolenti fil-Belt Valletta qed jispiċċaw anke nies li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-iskop li għaliha suppost qed isiru l-istess protesti."*

headline u l-kliem tal-artikolu fil-kuntest tal-immaġini ewlieni tal-pubblikazzjoni, iffokat fuq l-attur bħala l-karattru prinċipali li huwa assoċjat mal-*headline*, jibqa' bla mittiefes u l-perċezzjoni f'moħħ il-qarrej tal-artikolu ppubblikat fuq www.one.com.mt **tibqa' dik li tissawwar bit-titolu u bir-ritratt li juri bi prominenza ħadd ħlief l-attur, magħruf għall-attivitajiet li jorganizza bi kritika *inter alia* tal-Gvern Laburista: perċezzjoni li l-attur huwa fost id-dimostranti li għajjar u insulta lill-atleti bi bżonnjiet speċjali fil-jum speċjali tagħhom**.

Fir-rigward, ġie ritenut:-

"*It is immaterial whether the defamatory imputation is conveyed by words of direct assertion or by suggestion, for insinuation may be as defamatory as an explicit statement and even more mischievous.*"[20]

Wieħed irid iżomm f'moħħu li kif ġia' ngħad, l-attur mhux qed jimpunja l-pubblikazzjoni tax-xandira televiżiva tal-artikolu fejn il-filmat jikkostitwixxi parti integrali mis-servizz iżda fejn ir-ritratt li juri lill-attur bi prominenza, m'huwiex parti fissa minn din il-pubblikazzjoni televiżiva. L-attur qed jimpunja biss il-pubblikazzjoni elettronika fejn it-titolu tal-pubblikazzjoni u r-ritratt li fih l-attur jingħataw importanza, huma flimkien parti integrali u prominenti tad-diżinn ta' din il-pubblikazzjoni tant illi jokkupaw flimkien, terz mill-pubblikazzjoni sħiħa[21].

Ikkunsidrat;

**Minn dan kollu, il-Qorti hi sodisfatta illi l-pubblikazzjoni meħuda b'mod sħiħ, tnissel l-inferenza ċara f'moħħ il-qarrej ordinarju u raġjonevoli li l-attur kien wieħed mid-dimostranti li, kif intqal fit-titolu u l-korp tal-artikolu, għajjar u insulta lill-atleti bi bżonnijiet speċjali waqt il-protesti ta' Jum ir-Repubblika, u konsegwentement tinsinwa li l-attur huwa persuna insensittiva li tħares bi**

---

[20] Gatley, *supra* : 3.18, p. 126, 127.
[21] Ara l-kopja diġitali tal-portal fuq usb drive esebit mill-konvenut fis-6 ta' Marzu 2019.

**stmerrija lejn persuni b'diżabilita' tant illi akkost li jwassal il-messaġġ politiku tiegħu, ma jiddejjaqx iġib ruħu b'nuqqas ta' rispett u dinjita' lejn persuni bi bżonnijiet speċjali.**

Illi jmiss li jiġi stabbilit jekk din it-tifsira, imnissla minn qari tal-pubblikazzjoni fl-intier tagħha, hijiex diffamatorja, ċioe' tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur skont kif jeħtieġ l-Artikolu 3(4) tal-Att, li jiddisponi li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.

Dwar ir-rekwiżit tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk-

"*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation.*"[22]

Fil-mira tal-Artikolu 3(4) tal-Att huwa l-effett jew l-effett potenzjali tal-istqarrija jew il-pubblikazzjoni impunjata li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u indubbjament, fejn il-pubblikazzjoni impunjata "*tend(s) to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*"[23] u "*in all the circumstances would be likely to affect a person adversely in the estimation of reasonable people generally*"[24], din għandha titqies li fiha l-kapaċita' li tikkaġuna ħsara reputazzjoni li hija serja[25].

---

[22] Gatley On Libel and Slander, Twelfth Ed. [2013] 2.6, pg. 41.

[23] **Sim v. Stretch**, per Lord Atkin, (1936) 2 All ER 1237 (House of Lords).

[24] Collins, *ibid.* 6.12, p. 117.

[25] Fid-deċiżjoni fil-każ **Economou v De Freitas** (2016 EWHC 1853 QB)[25], saret referenza għall-każ **Sobrinho v Impresa Publishing SA** [2016] EWHC 66 (QB), [2016] EMLR 12 fejn saru numru ta' konsiderazzjonijiet dwar il-ħtiġiet ta' s.1 tad-Defamation Act 2013 (UK) (l-ekwivalenti għall-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama), fosthom: "*...a Court determining the issue of serious harm is, as in all cases, entitled to draw inferences based on the admitted evidence. Mass media publications of very serious defamatory allegations are*

Il-Qorti tqis illi l-messaġġ li l-attur kien wieħed mid-dimostranti li għajjar u insulta lill-atleti bi bżonnijiet speċjali waqt il-protesti ta' Jum ir-Repubblika, u l-inferenza li jistma u jittratta persuni bi bżonnijiet speċjali b'nuqqas ta' rispett u dinjita', pubblikati fuq mezz ta' *mass media*, fihom il-propensita` li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Dan qed jingħad għaliex l-attur huwa persuna pubblika li huwa wkoll kritiku assidwu tal-Gvern, u attivist ewlieni tas-soċjeta' ċivili. Fil-fehma tal-Qorti meta persuna, *multo magis* persuna pubblika bħall-attur, tiġi attribwita mġieba insensittiva u mhux xierqa konsistenti f'tgħajjir indirizzat lejn persuni b'diżabbilita' fil-pubbliku, l-effett ma jistax tkun ħlief propensita' qawwija ta' ħsara reputazzjonali serja. Il-Qorti tqis illi l-kwalitajiet ta' serjeta', sensittivita' u integrita' huma essenzjali għar-reputazzjoni tal-attur bħala attivist prominenti tas-soċjeta' ċivili, blogger u kritiku tal-Gvern għaliex f'dawn ir-rwoli jeħtieġlu jikkonvinċi u jipperswadi persuni oħrajn bl-affidabbilita' tal-fehmiet tiegħu u l-kritika li jindirizza fil-konfront tal-persuni politiċi.

Tqis ukoll li l-imputazzjoni li l-attur insulta u għajjar atleti b'diżabilita' jew bi bżonnijiet speċjali fil-pubbliku waqt li kien qed jipprotesta kontra l-Gvern, tikkostitwixxi attakk fuq il-karattru tal-attur, tiskreditah u tivvilifikah, kif ukoll timmina s-serjeta', rispettabbilita' u s-sens ta' ġieħ tiegħu mhux biss personalment iżda wkoll fir-rwol tiegħu ta' attivist politiku, rwol li biex ikun ta' suċċess, jeħtieġ integrita' u serjeta' tal-karattru kif ukoll doża qawwija ta' sensittivita' u korrettezza. Imputazzjoni bħal din - li m'hijiex dwar sempliċi diskortesija għaliex taddebita imġieba li tesponih għall-mibgħeda u stmerrija - għandha titqies bħala diffamatorja. Dan qed jingħad ukoll għaliex fil-fehma tal-Qorti, kondotta li tirredikola jew iżeblaħ lil persuni b'diżabbilita' hi waħda anti-soċjali li tmur lil hinn minn sempliċi ksur ta' etiquette:

---

*likely to render the need for evidence of serious harm unnecessary. This does not mean that the issue of serious harm is a "numbers game". Reported cases have shown that very serious harm to a reputation can be caused by the publication of a defamatory statement to one person."*

“ *... it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not*” – Angell v Bushell (1968) 1 QB 813 at 825.

Effettivament, l-imputazzjoni li l-attur kien fost dawk id-dimostranti li uħud minnhom aġixxew b'diżrispett manifest lejn persuni b'diżabilita', intimidawhom u insultawhom voċiferament fil-pubbliku, fiha propensita' qawwija li toskura b'mod serju l-istima tiegħu f'ghajnejn il-persuni li jsegwu l-attivitajiet u l-kitbiet tiegħu, kif ukoll is-soċjeta` in generali[26], kif ukoll tnissel element definittiv ta' stmerrija fil-konfont tiegħu. Bl-użu tal-kelma “*uħud mid-dimostranti*” fl-artikolu impunjat b'referenza għal min għajjar u insulta lill-atleti b'diżabilita', u fl-isfond tar-ritratt tal-attur, huwa evidenti li l-attur qed jiġi identifikat bħala wieħed minn dawn id-dimostranti individwati fl-artikolu li ġabu ruħhom b'dan il-mod skifuż.

Fir-rigward, Gatley jgħid:-

“*It has been held to be defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct, or of a breach of duty or that his actions are motivated by revenge ... or to impute 'any dishonourable conduct to another though not involving a breach of positive duty'* ...”[27]

Għaldaqstant, l-imputazzjoni hi waħda li hi tassew kapaċi tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Ikkunsidrat;

---

[26] *“the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough.”*

[27] *Ibid.* 2.28, p. 66/67.

Illi fil-fehma tal-Qorti, id-dikjarazzjonijiet ossia kliem, meħud fl-isfond tar-ritratt li fih jidher l-attur u li minnhom tinsilet l-imputazzjoni diffamatorja (“*L-atleti ta’ Special Olypmics mgħajjra waqt il-protesti f’Jum ir-Repubblika*” u “*F’Jum ir-Repubblika, ma kinux biss il-pulizija u l-membri tal-Forzi Armati li laqtu t-tgħajjir u l-insulti waqt il-qadi ta’ dmirijiethom. Imma anke l-atleti tal-iSpecial Olympics li dak il-ħin inzertaw deħlin fil-Palazz tal-President fejn kienu se jirċievu l-medalja għall-qadi tar-Repubblika*”) huma dikjarazzjonijiet ta’ fatt, ċioe’ li l-attur kien wieħed mill-persuni li għajjar u insulta l-atleti tal-iSpecial Olympics.

“*Sometimes, it is difficult to distinguish an allegation of fact from an expression of opinion. It often depends on what is stated in the rest of the article, If the defendant accurately states what some public man has really done, and then asserts that such conduct is disgraceful, this is merely the expression of his opinion, his comment on the plaintiff’s conduct. So, if without setting it out, he identifies the conduct on which he comments by a clear reference. In either case, the defendant enables his readers to judge for themselves how far his opinion is well-founded; and therefore,what would otherwise have been an allegation of fact becomes merely a comment.*”[28]

Madankollu fil-każ li għandha quddiemha, lil hinn mill-kondotta fattwali attribwita lill-attur, fost persuni oħrajn, matul il-protesta ta’ Jum ir-Repubblika, il-Qorti ma riskontrat ebda kumment li jiddeskrivi jew iwassal l-opinjoni tal-awtur tal-pubblikazzjoni dwar din il-kondotta u għalhekk, ma taqbilx li l-istqarrijiet fil-pubblikazzjoni impunjata safejn iwasslu l-imputazzjoni diffamatorja, jikkostitwixxu espressjoni tal-fehma tal-pubblikatur, iżda tqis li huma allegazzjonijiet ta’ fatti li l-eżistenza tagħhom tista’ tiġi verifikata u huma diffamatorji.

Madankollu, l-asserzjonijiet ta’ fatt attribwiti lill-attur ma ġewx difiżi bl-eċċezzjoni tal-verita’ tal-fatti iżda bħala *value judgement* (ara r-raba’ paragrafu tar-Risposta tal-konvenuti).

---

[28] Odgers on Libel and Slander, 6th Ed. Ċitat *f’Landmark Cases in Defamation Law*, Edited by David Rolff (2021 Ed.) p.88.

Fil-fehma tal-Qorti, id-difiża tal-opinjoni onesta bħalma hija magħrufa llum id-difiza li qabel l-introduzzjoni tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, kienet magħrufa bħala *fair comment*, mhux applikabbli għaliex il-paragrafu (a) tal-Artikolu 4(2) tal-Att jeħtieġ illi l-konvenut juri illi d-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni.

Iżda anke jekk għal mument il-Qorti kellha tqis l-istqarrijiet u l-kuntest li jnisslu l-imputazzjoni, bħala dikjarazzjoni ta' opinjoni tal-pubblikatur, xorta waħda r-rekwiżiti għas-suċċess tad-difiża tal-opinjoni onesta mhux sodisfatti.

Filwaqt li l-persuna aggravata, l-attur, għandu l-oneru li jipprova sodisfaċjentement sal-grad meħtieġ fil-kamp ċivili, ċioe' fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, l-imputazzjoni diffamatorja, l-element tal-pubblikazzjoni u tal-ħsara serja lir-reputazzjoni kif ukoll li l-azzjoni ġiet indirizzata fil-konfront tal-persuni, jew xi ħadd minnhom, imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Att, l-oneru tal-prova tad-difiża jew id-difiżi affermattivament invokati mill-konvenuti, jispetta lilhom biss.

Dan qed jingħad għaliex il-Qorti ma riskontrat xejn fil-provi u fl-atti proċesswali, li jikkostitwixxi fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet ippubblikata u li abbażi tiegħu persuna onesta setgħet issawwar opinjoni li l-attur għajjar u insulta l-atleti b'diżabbilita' matul il-protesti ta' Jum ir-Repubblika 2019. Għall-kuntrarju, ix-xhieda li ressaq l-attur ilkoll ikkonfermaw bl-iktar mod kategoriku li mhux talli ħadd mid-dimostranti ma għajjar lill-atleti ta' Special Olypmics, talli ma ħadd minn dawn l-atleti ma għadda minn quddiemhom fil-lok fejn kienu qed jipprotestaw ġewwa Strada Rjali.

Mhux hekk biss, talli l-konvenuti ma ressqu ebda prova li l-attur fil-fatt għajjar u insulta li xi ħadd, wisq inqas xi atleta ta' Special Olympics. Fil-filmat li jifforma parti mill-pubblikazzjoni impunjata, la l-attur u lanqas xi ħadd mid-dimostranti ma jidher jew jinstema' jinsulta jew jiddieħak bl-atleti tal-Ispecial Olympics li, għandu jingħad,

f'ebda mument ma jidhru fil-filmat għaddejjin ġewwa Strada Rjali quddiem id-dimostranti. Il-konvenut Owen Galea ma kienx fuq il-post iżda xehed li bagħat xi ġornalisti mit-tim tiegħu biex jiffilmjaw iċ-ċerimonja u l-protesta. Madankollu, ħadd mill-ġornalisti ntbagħtu fuq il-post ma xehed quddiem il-Qorti biex jikkonferma li ra jew sema' lill-attur jew xi ħadd mid-dimostranti jgħajjar u jinsulta lill-atleti.

Filwaqt li huwa minnu li l-pubblikazzjoni impunjata tiċċita omm - li allegatament ġiet intervistata mill-ġornalist Brian Hansford - tgħid illi ġie indirizzat "*kumment barra minn loku*" lil xi ħadd mill-atleti, imkien ma ntqal fil-kliem dirett ta' din l-omm fil-filmat relattiva, illi kienu l-attivisti ta' Repubblika jew ta' waħda mill-għaqdiet l-oħrajn li kienu qegħdin jipprotestaw f'Jum ir-Repubblika, li għaddew dan il-kumment jew li l-atleti ġew "*mgħajra u insultati*" kif allegat fl-artikolu.

Imbagħad, anke jekk għal mument it-traskrizzjoni esebita mill-konvenut Owen Galea kellha tingħata xi piż probatorju, f'kull każ ma saret ebda referenza kwalsiasi f'din it-traskrizzjoni lill-attur jew lil xi ħadd mill-attivisti li kienu qed jipprotestaw, bħala l-persuna li "*avviċinatna u b'mod ta' żebligħ staqsietna jekk hemmx xi tip ta' graduation u l-grupp kollu infaqa' jidħak. Aħna t-tfal tagħna ma jħarsux lejn politika. Ma jħarsux lejn kuluri. ... U ħassewhom it-tfal li minflok hemm nies li qegħdin jifirħu bihom u minflok hemm nies li qegħdin jgħidulhom proset, kien hemm nies li kważi kważi kienu qegħdin jipprovaw jiddieħku bihom.*"

L-istess jgħodd għall-post ta' Oliver Scicluna (Dok. OG2). Il-Qorti ma tqisx li d-dokument esebit jiswa bħala prova ta' fatt eżistenti fiz-żmien tal-pubblikazzjoni: mhux biss għaliex imkien fl-istqarrija ma ssir referenza għall-attur jew għall-grupp ta' dimostranti li kienu qed jipparteċipaw fl-attivita' li ġiet organizzata minnu fost persuni u għaqdiet oħrajn ("*... dawn il-ġenituri għarfuni li kemm huma u wliedhom ġew imżebilħa u kienu oġġett ta' żufjett. Dan it-tgħajjir sar waqt li kienu mexjin fil-Belt Valletta*"), iżda wkoll għaliex id-dokument esebit la fih data u lanqas jirriżulta fuq liema medium ġiet pubblikata din l-istqarrija. Oliver Scicluna ma ġiex imressaq bħala xhud biex jikkonferma l-awtentiċita' tal-istqarrija u m'hemm ebda rabta kwalsiasi

bejn l-allegat żebliħ fuq naħa waħda, u l-attur jew id-dimostranti tal-Għaqda Repubblika, #Occupy Justice u www.manueldelia.com fuq in-naħa l-oħra.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti ma taqbilx li ġie ppruvat kif imiss ir-rekwiżit tal-paragrafu (c)(1) tal-Artikolu 4(2) tal-Att, ċioe' fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata u li abbażi tiegħu persuna onesta setgħet tasal biex tesprimi l-fehma li l-attur kien wieħed mill-persuni li għajjar, insulta u żeblaħ lill-atleti tal-Ispecial Olympics f'Jum ir-Repubblika.

Il-konvenuti naqsu wkoll milli jressqu prova suffiċjenti li l-filmat formanti parti mill-pubblikazzjoni impunjata, it-traskrizzjoni esebita mill-konvenut Owen Bonnici jew l-istqarrija ta' Oliver Scicluna jikkostitwixxu dikjarazzjoni privileġġjati għall-fini tal-paragrafu (ċ)(ii) tal-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 4(4) tal-Att.

Dan qed jingħad għaliex il-konvenuti naqsu milli jipprovaw kif imiss li t-traskrizzjoni tal-intervista li allegatament ġiet pubblikata fuq il-profil tal-Facebook ta' Brian Hansford u l-istqarrija allegatament pubblikata minn Oliver Scicluna, huma dwar materja ta' interess pubbliku **u** ingħataw pubbliċità b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira f'medium stabbilit. Huwa minnu li fit-traskrizzjoni jingħad li d-dikjarazzjoni tal-omm ġiet ippubblikata bħala post fuq il-profil tal-ġornalist Brian Hansford fuq Facebook, iżda l-Qorti tistenna illi dan il-ġornalist kellu jinġieb biex jikkonferma bil-ġurament li t-traskrizzjoni hija riproduzzjoni fidili ta' post ippubblikata minnu jew, *de minimis*, li jiġi esebit il-post innifsu ta' Brian Hansford li minnu jkun jidher ukoll il-*medium* li fuqu ġie pubblikat u l-aċċessibbilita' tal-filmat lil udjenza kbira. Iżda minn dan ma hemm xejn fl-atti, li jfisser li l-konvenuti naqsu milli jressqu l-aħjar prova kif kienu obbligati jagħmlu u fir-rigward, il-Qorti żgur m'hijiex sejra tispekola u tagħmel assunzjonijiet li ma jitnisslux minn provi konkreti akkwiżiti fl-atti proċesswali.

L-istess jgħodd għall-istqarrija ta' Oliver Scicluna: din ma fiha ebda indikazzjoni tal-*medium* li fuqu ġiet ippubblikata u ma jirriżultax lanqas li din l-istqarrija kienet

aċċessibbli għal udjenza kbira kif jeħtieġ l-Artikolu 4(4) moqri flimkien mal-paragrafu (ċ)(ii) tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Għaldaqstant, id-difiża tal-opinjoni onesta mhijiex f'lokha u lanqas hija applikabbli. Fuq kollox, in kwantu l-imputazzjoni mnissla mill-pubblikazzjoni hija dwar asserzjoni ta' fatt, ma ġiex ippruvat illi l-fatt asserit huwa minnu, lanqas fis-sostanza.

Il-Qorti tqis li l-fatt li saru akkużi diretti u speċifiċi fil-konfront tal-attur li ġie identifikat mir-ritratt bħala wieħed mid-dimostranti li għalihom l-artikolu jwassal inferenza ċara li għajjar u insulta l-atleti b'diżabilita', jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jissostanzja dawn l-imputazzjonijiet billi juri li għandhom bażi fattwali sufficjenti anke sabiex jikkonvinci lill-Qorti li huwa agixxa in *buona fede* meta ppubblika l-pubblikazzjoni malafamanti.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dak li ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuti fit-trattazzjoni finali, li l-pubblikazzjoni impunjata hija privileġġjata għaliex tiffigura bħala dikjarazzjoni privileġġjata taħt l-Artikolu 4(4) tal-Att u tqis li dan l-argoment mhux f'loku. Fil-fehma tal-Qorti, din id-dispozizzjoni legali ma toħloq l-ebda difiża *ad hoc* iżda tipprovdi biss it-tifsira tat-terminu "*dikjarazzjoni privileġġjata*" meta din tingħata bħala l-bażi tal-opinjoni onesta a tenur tal-Artiklu 4(2)(ċ)(ii) tal-Att għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta. Kemm hu hekk, is-subartikolu (4) ta' dan l-Artikolu jagħmilha ċar illi jekk pubblikazzjoni ser tiġi mfissra bħala "*dikjarazzjoni privileġġjata*" abbażi ta' dan is-subartikolu, dan jgħodd biss fil-kuntest tad-difiża tal-opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579. Fi kwalsiasi każ, il-Qorti tosserva illi d-difiża tad-dikjarazzjoni privileġġjata ma ġietx invokata mill-konvenuti fir-Risposta li biha laqgħu għat-talba tal-attur.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti eċċipew ukoll fir-raba' paragrafu tar-Risposta, li l-pubblikazzjoni impunjata mill-attur tikkonsisti f'rappurtaġġ dwar avveniment pubbliku u materja ta' interess pubbliku.

Hawnhekk il-Qorti tirravviża d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, ċioe' d-difiża ta' pubblikazzjoni dwar materjal ta' interess pubbliku.

L-Artikolu 5 tal-Att jipprovdi:-

*(1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*
*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Fid-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att il-konvenut irid jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku proprju għaliex din il-kwistjoni hija waħda ta' liġi li għandha tiġi deċiża mill-qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku.

Ġie ritenut li materja tkun waħda ta' interess pubbliku:

"*if it was 'such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others.*"[29]

Ukoll:

[29] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.

"*... if it concerned the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[30]

Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:-

*"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ...*"[31]

Il-Qorti taqbel illi rapportaġġ dwar il-protesti li saru f'Jum ir-Repubblika fi żmien meta l-pajjiż kien għaddej minn kriżi politika drammatika u kien hemm seħjiet għar-riżenja tal-Prim Ministru u Ministri oħrajn minħabba allegazzjonijiet marbutin mal-assassinju ta' ġornalista, huwa dwar materja ta' interess pubbliku. Ir-rapportaġġ in ġenerali dwar tgħajjir u żebliħ ta' persuni b'diżabilita' waqt li kienu deħlin fil-Palazz tal-President biex jirċievu l-medalja ta' Ġieħ ir-Repubblika, ukoll jista' jitqies li huwa dwar materja ta' interess pubbliku.

Iżda għandu jiġi senjalat ukoll li jista' jkun il-każ fejn għalkemm minn perspettiva wiesa', is-soġġett in materja fil-pubblikazzjoni jitqies li huwa ta' interess pubbliku ġenerali, mhux l-istess jgħodd għall-partijiet kollha tal-pubblikazzjon, bir-riżultat li d-difiża taħt l-Artikolu 5 tista' ma ssibx riskontru in kwantu l-kontenut kollu tal-pubblikazzjoni. Jeħtieġ f'kull każ illi jiġi determinat jekk huwiex raġjonevoli li l-istqarrija speċifika impunjata titqies bħala parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku u hawnhekk jidħol l-element tal-ġudizzju editorjali tal-pubblikatur (*editorial judgement*), kunċett li ġie introdott mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012):-

[30] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143.
[31] *Supra*, 15.6, p. 645, 646.

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[32]

Fid-deċiżjoni **Jameel (Mohammed) v Wall Street Journal Europe**, ġie ritenut hekk minn Lord Hoffmann:

"*The fact that the material was of public interest does not allow the newspaper to drag in damaging allegations which serve no public purpose. They must be part of the story. And the more serious the allegation, the more important it is that is should make a real contribution to the public interest element in the article.*"[33]

Dan ifisser li l-pubblikazzjoni sħiħa m'għandhiex titqies bħala waħda dwar materja ta' interess pubbliku jekk l-istqarrija impunjata twassal imputazzjoni serja li ma tagħmel l-ebda kontribut reali lill-element ta' interess pubbliku tal-artikolu. Il-fatt li l-persuna aggravata tiġi identifikata b'isimha f'pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, mhux dejjem jista' jitqies li jkun sar għall-fini ta' interess pubbliku. Fil-fehma tal-Qorti, l-identifikazzjoni tal-persuna aggravata meta din issir biss għal skop ta' sensazzjonaliżmu qatt ma tista' titqies li hija ġustifikata fl-interess pubbliku, wisq anqas meta l-identifikazzjoni tal-persuna aggravata mhux meħtieġa, ħlief forsi meta l-artikolu jkun jitlef sostanzjalment mill-impatt tiegħu jew fejn jista' jitqanqal xi suspett f'ħaddieħor jekk il-persuna aggravata ma tiġix identifikata: f'każijiet bħal dawn, il-pubblikatur jista' jitqies li emmen raġjonevolment li huwa fl-interess pubbliku li jidentifika l-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma hija xejn affattu konvinta illi l-identifikazzjoni skjetta tal-attur fil-pubblikazzjoni permezz tar-ritratt ewlieni, bħala

---

[32] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647.

[33] SPRL (2006), UKHL 44 A.C. 359.

waħda mill-persuni li żebilħu lill-atleti b'diżabilita', tista' titqies li kienet fl-interess pubbliku. Il-pubblikazzjoni tar-ritratt b'emfasi evidenti fuq l-attur li kif rajna, huwa persuna pubblika, liema emfasi jorbtu ineżorabbilment mat-titolu u s-soġġetta materja tal-pubblikazzjoni dwar żebliħ u tgħajjir tal-atleti b'diżabbilita', ma sservi l-ebda skop pubbliku.

Għaldaqstant, m'huwiex ippruvat sodisfaċjentement illi l-pubblikazzjoni fil-partijiet relevanti tagħha, hija dwar materja ta' interess pubbliku u filwaqt li dan ifisser li d-difiża għandha tfalli, il-Qorti tħoss li għandha tirrimarka wkoll illi fi kwalsiasi każ, m'hijiex konvinta li l-i*standards* ta' ġornaliżmu responsabbli intlaħqu fil-każ tal-pubblikazzjoni in diżamina u ma temminx li l-konvenut seta' raġjonevolment jemmen li l-pubblikazzjoni bl-identifikazzjoni tal-attur b'rabta mal-allegazzjonijiet fattwali diffamatorji, li sar l-ilment dwarha, kienet fl-interess pubbliku.

Il-Qorti ma tqisx li r-ritratt tal-attur, anke jekk ittieħed għall-għarrieda mill-filmat u mhux deliberatament biex jintrabat speċifikatament mal-asserzjonijiet malafamanti, kien frott ta' ġornaliżmu responsabbli. Huwa minnu li għall-fini tal-eżerċizzju fejn għandu jiġi determinat jekk ir-rapportaġġ taħt skrutinju huwiex konformi mal-kriterji ta' ġornaliżmu responsabbli, il-ġornalisti għandhom igawdu minn kejl wiesa' ta' diskrezzjoni u apprezzament professjonali u l-qrati għandhom jevitaw li jissostitwixxu l-fehmiet tagħhom dwar liema tekniċi tar-rapportaġġ kellhom jiġu addottati fil-każ speċifiku. Madanakollu, f'każ fejn l-allegazzjoni malafamanti jkollha l-propensita' li tinforma ħażin lill-pubbliku u jikkaġunaw ħsara lill-individwu konċernat, iktar ikun mistenni grad għoli ta' diliġenza minn min jippubblika.

Fil-każ in diżamina, il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, m'hijiex sodisfatta illi l-konvenut eżerċita d-diliġenza meħtieġa fil-ġudizzju editorjali tiegħu dwar il-pubblikazzjoni impunjata meta approva li l-identifikazzjoni tal-attur fir-ritratt tiġi assoċjata direttament mal-fatti asseriti fil-pubblikazzjoni. Fil-fatt, mhux biss hija mankanti l-prova li l-konvenut emmen minn perspettiva soġġettiva li l-pubblikazzjoni bl-asserzjoni diffamatorja fir-rigward tal-attur, kienet fl-interess pubbliku, iżda f'kull

każ, anke jekk seta' kellu din il-fehma, din ma setgħetx kienet waħda raġjonevoli ('*the Reasonable Belief requirement*'[34]).

Iċ-ċirkostanzi li l-Qorti kkunsidrat għall-fini tar-rekwiżit taħt is-subartikolu (3) tal-Artikolu 5 tal-Att huma dawn: il-konvenut ma kienx preżenti għaċ-ċerimonja jew fi Strada Rjali fejn kien qed issir il-protesta, u għalkemm xehed li assenja ġornalisti biex imorru fuq il-post u jirrapportaw fuq l-avveniment, ma jirriżultax mill-provi min kienu l-ġornalisti li bagħat fuq il-post u jew x'qalulu dwar dak li raw jew semgħu. Ikkonferma li huwa qagħad fuq il-filmat fejn jidhru n-nies jipprotestaw u jikkritikaw il-persuni deħlin fil-Palazz tal-President – iżda l-Qorti rat il-filmat diversi drabi u mkien ma jidhru l-protestanti u jew l-attur quddiem jew viċin il-Palazz tal-President u lanqas ma jidhru jikkritikaw lill-persuni deħlin fil-Palazz. Ma ġie prodott ebda filmat ieħor bħala prova li jissostanzja dak li xehed il-konvenut u kif diġa' ngħad, il-persuni li rrapportaw l-abbuż verbali indirizzat lejn l-atleti tal-Ispecial Olympics, fl-ebda waqt ma semmew id-dimostranti li kienu qed jipparteċipaw fil-protesta organizzata *inter alia* mill-attur.

Barra minn hekk, meta wieħed jikkunsidra r-rwol pubbliku tal-attur bħala attivist tas-soċjeta' ċivili u kritiku assidwu tal-Gvern Laburista, il-fatt illi dak iż-żmien, kif xehed il-konvenut Owen Galea nnifsu[35] kien hemm kriżi fil-pajjiż u "*kritika fil-konfront tal-Gvern, għall-fatt li Repubblika kienet qed issostni li kien hawn il-kriminalita' fil-pajjiż u pajjiż fi kriżi u kien jeħtieġ bidla*", u l-fatt li l-*online news portal* www.one.com.mt hi amministrata minn One Productions Limited li bħalma huwa magħruf, tieħu ħsieb u tamministra l-midja tal-Partit Laburista, **il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat sodisfaċjentement li l-konvenut emmen, <u>b'mod raġjonevoli</u>, li dak li ġie pubblikat b'rabta mal-attur kien fl-interess pubbliku**[36]. Jinsab ritenut li din il-prova

[34] **Economou v. de Freitas** (2016), EWHC 1853 (QB), per Wardy J.
[35] Xhieda tas-27 ta' Ġunju 2022, paġna 79 u paġna 80 tal-atti tal-kawża.
[36] Kif diġa' stabbilit, għalkemm il-konvenut Owen Galea seta' ma kienx il-persuna li għażel ir-ritratt tal-attur, naturalment bħala Head of News, id-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet konċernanti l-publikazzjonijiet li jsiru fuq l-online news portal ta' One News inkluż id-deċiżjoni li tiġi approvata jew le l-pubblikazzjoni tar-ritratt li ntgħażel biex jakkumpanja l-istorja f'dan il-każ partikolari, kienet tiegħu. Il-fatt li seta' ma kienx hemm persuna oħra b'responsabbilita' speċifika għall-online news portal jafferma kemm id-deċiżjonijiet dwar materji li jkkonċernaw aħbarijiet pubblikati fuq il-protal, kienu jaqgħu fir-responsabbiltajiet tiegħu bħala Head of News.

ġeneralment issir billi jintwera li l-pubblikatur naqas b'mod deliberat milli jsemmi fatti jew provi skolpanti noti lilu jew billi jintwera li bħala fatt, ma kien hemm l-ebda bażi fattwali għall-kumment: nuqqas li l-Qorti tirravviża f'dan il-każ.

Fid-deċiżjoni fil-każ **GKR Karate (UK) Ltd v Yorkshire Post Newspapers Ltd** [2001] 1 WLR 2571 at 2578-2579, May LJ qal:-

"... ***The question is rather whether, in all the circumstances, the public was entitled to know the particular information without the publisher making further such inquiries***...

*...the defendant's state of mind is to be determined at the time of publication. The subsequently determined truth or falsity of the publication is not material. Where, as in the present case, the contention is that [the journalist] was reckless and that she did not consider or care whether her publication was true or not, this is to be inferred (or not) "from what [she] did or said or knew." A failure to make further or proper inquiries is capable of being an ingredient from which recklessness may be inferred. What the response to those inquiries might have been is not capable of being such an ingredient.*"

Lord Brown fid-deċiżjoni tiegħu fil-każ **Flood v Times Newspapers Ltd** [2012] UKSC 11, [2012] 2 AC 273 [133] esprima hekk l-essenza tad-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku meta din kienet għadha kkunsidrata taħt il-kappa ta' *qualified privilege*:-

"*...could whoever published the defamation, given whatever they knew (and did not know) and whatever they had done (and had not done) to guard so far as possible against the publication of untrue defamatory material, properly have considered the publication in question to be in the public interest?*"[37]

---

[37] Fil-każ **Pinard-Byrne v. Linton** (2015) UKPC 41, il-Privy Council osserva li: "*no evidence was put before the Court to establish ... the steps taken to verify the allegations. ... no attempt was made to seek comments from*

Applikat dan kollu għall-każ in diżamina, il-Qorti tqis li għalkemm b'mod ġenerali l-pubblikazzjoni tista' titiqes li hija dwar materja ta' interess pubbliku, **l-assoċjazzjoni tal-attur mal-fatti malafamanti ma ġietx komunikata lill-pubbliku b'mod responsabbli**. Dan ifisser li l-pubblikazzjoni ma tikkostitwixxix rapportaġġ *in buona fede* dwar materja ta' interess pubbliku u konsegwentement, ma kienx hemm dover tal-pubblikazzjoni. Għalhekk id-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, invokata fir-Risposta tal-konvenuti, mhux mistħoqqa u ma tistax tintlaqa'.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni morali għall-malafama, il-Qorti ħadet qies tal-fatt illi l-fatti diffamatorji ġew pubblikati f'mezz tal-mass media, ċioe' fuq *online news portal* li huwa aċċessibbli liberament mill-pubbliku in ġenerali u għaldaqstant hu preżunt li għandu udjenza kbira. Għalkemm ikkunsidrat ukoll il-fatt ukoll li l-attur huwa persuna pubblika li huwa attiv ferm bħala attivist tas-soċjeta' ċivili u għalhekk għandu jittollera ċertu qies ta' kritika, il-Qorti ma tistax ma tqis il-fatt li evidentement, il-pubblikazzjoni m'hijiex waħda responsabbli u ma saritx in buona fede u tonqos b'mod sostanzjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' rapportaġġ awtentiku u integru.

**Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tillibera lill-konvenuti Jason Micallef u Ruth Vella mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhux leġittimi kontradittur tat-talba tal-attur, tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet u tilqa' t-talba tal-attur billi tiddikjara li l-pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku www.one.com.mt fis-16 ta' Diċembru 2019 intestat '*L-atleti ta' Special Olympics mgħajjra waqt il-protesti f'Jum ir-Repubblika*' huwa diffamatorju għall-attur u konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut OWEN GALEA jħallas lil**

---

*(the claimant) as to the truth or otherwise of the wrongdoing alleged or to obtain (the claimant's) side of the story before the allegations were made … the question was whether (the defendant) owed (a duty as a responsible journalist to publish the material concerned) and whether it was it responsible to publish the defamary statements in all the circumstances of the case..*" – rapportat f'Gatley on Libel and Slander (Second Cumulative Supplement to the Twelth Edition – 2017) 15.12.

**EMANUEL DELIA s-somma ta' elf Euro (€1,000) f'danni morali għall-malafama.**

**L-ispejjeż ħlief għal dawk tal-konvenuti Jason Micallef u Ruth Vella, jitħallsu mill-konvenut Owen Galea.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**